



Stqarrija għall-istampa

Il-Lussemburgu, is-7 ta' Mejju 2020

Iċ-ċifri u s-sejbiet tal-Awdituri tal-UE għall-2019 – daqqa t'għajn: verifikazzjoni ta' kif il-politiki u l-infiq tal-UE jwasslu valur miżjud fil-prattika

Skont ir-rapport tal-attività ġdid tagħha, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) qed tiffoka dejjem aktar fuq il-valutazzjoni tal-prestazzjoni u tal-valur miżjud tal-azzjonijiet li jittieħdu mill-UE f'dak li jirrigwarda l-infiq u r-regolamentazzjoni. Fl-2019, l-awdituri esterni tal-UE ppubblikaw 67 rapport, rapport analitiku u opinjoni li jindirizzaw ħafna mill-isfidi li l-Unjoni qed tiffaċċja, bħall-kura tas-saħħa transkonfinali, l-enerġija rinnovabbli, iċ-ċibersigurtà, il-migrazzjoni u l-governanza fiskali. Il-President tal-QEA, Klaus-Heiner Lehne, qal li billi issa minħabba l-pandemija tal-COVID-19 l-Istati Membri qed jiffaċċjaw sfida mingħajr preċedent għas-saħħa pubblika u għall-ekonomija, l-istituzzjonijiet Ewropej kollha jridu jibnu fuq l-isforzi tal-passat biex titjeb aktar il-ġestjoni finanzjarja tal-Unjoni u jiżguraw li l-UE tikseb riżultati.

Ir-rapport tal-attività jagħti rendikont sħiħ tal-awditi u l-pubblikazzjonijiet maħruġa mill-QEA, tal-kontrolli li din wettqet fl-Istati Membri u f'pajjiżi terzi, kif ukoll tal-involviment li kellha mal-partijiet ikkonċernati prinċipali tagħha fl-2019. L-awdituri jipprovdu wkoll informazzjoni ewlenija dwar il-persunal, il-governanza u l-finanzi tal-QEA, filwaqt li japplikaw l-istess standards ta' trasparenza u ta' obbligu ta' rendikont għalihom infushom bħalma jagħmlu għall-entitajiet li huma jawditjaw.

"Minħabba l-pandemija tal-COVID-19, l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha qed jiffaċċjaw sfidi mingħajr preċedent. Aħna ninsabu fl-aħħar fażi tan-negożjati relatati mal-baġit fuq terminu twil li jmiss li se jiddetermina s-saħħa finanzjarja tal-UE għas-seba' snin li ġejjin," qal il-President Lehne. "Huwa aktar kruċjali minn qatt qabel li l-Unjoni tikseb riżultati, u li l-valur miżjud tal-kooperazzjoni u s-solidarjetà Ewropej jintwera billi ċ-ċittadini jiġu megħjuna biex jegħlbu din il-kriżi."

Fl-2019, il-QEA ppubblikat 36 rapport, fosthom rapporti tematiċi dwar il-prestazzjoni u rapporti analitiċi rigward l-azzjonijiet meħuda mill-UE, rapporti annwali ta' konformità dwar il-baġit u l-aġenziji tal-UE, opinjonijiet dwar regoli finanzjarji li jkunu qed jiġu riveduti, u kummenti dwar il-baġit fuq terminu twil li jmiss tal-UE (QFP 2021-2027). Minbarra li pprovdew aċċertament dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet tal-UE u dwar ir-regolarità tal-infiq tagħha, l-awdituri kkontribwew għat-tfassil ta' liġijiet aħjar u għenu biex jiġi żgurat li l-politiki u l-programmi tal-Unjoni jipprovdu valur miżjud billi jiksibu riżultati li jkunu aħjar minn dawk li setgħu nkisbu kieku l-azzjonijiet twettqu fuq livell nazzjonali biss. Ir-rakkomandazzjonijiet tagħhom identifikkaw modi ta' kif jistgħu jiġu ffrankati l-flus u tiġi evitata l-ħela, isir xogħol aħjar, jew jintlaħqu l-oġġettivi ta' politika mistennija b'mod aktar effettiv. Filwaqt li xi rakkomandazzjonijiet jistgħu jiġu effettwati aktar malajr minn oħrajn, ir-rapport tal-attività jiżvela livell għoli ta' implimentazzjoni u, għaldaqstant, benefiċċju fit-tul għaċ-ċittadini: madwar 95 % tar-rakkomandazzjonijiet li saru fir-rapporti tal-2015 kienu għew implimentati sal-2019.

ECA Press

12, rue Alcide De Gasperi – L-1615 Luxembourg

E: press@eca.europa.eu @EUAuditors eca.europa.eu

L-impatt tal-QEA jiddependi ħafna wkoll minn kif dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet politiċi jużaw ir-riżultati tax-xogħol li hija twestaq. Ir-rapporti, ir-rapporti analitiċi u l-opinjonijiet tal-awdituri huma element essenzjali tal-katina tal-obbligu ta' rendikont tal-UE billi jgħinu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jiskrutinizzaw l-ilħuq tal-oġettivi tal-UE u jitolbu li jingħata rendikont lill-Kummissjoni u lil korpi oħra li huma responsabbli mill-ġestjoni tal-baġit tal-UE li jammonta għal madwar EUR 160 biljun fis-sena. Fl-2019, l-awdituri reġgħu ppreżentaw għadd kbir ta' rapporti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Barra minn hekk, huma ddiskutew il-messaġġi prinċipali tagħhom mal-parlamenti f'21 Stat Membru, u dan huwa għadd rekord. Kważi 90 % ta' dawk li rċevew rapporti qiesu li dawn kienu utli u aktar minn 80 % qiesu li dawn ħallew impatt.

Matul is-sena, l-awdituri qattgħu 3 605 ġranet ta' xogħol jivvjaġġaw fl-UE u lil hinn minnha biex jiksbu evidenza għall-awditjar. Huma wettqu l-biċċa l-kbira mill-kontrolli fuq il-post fi Stati Membri akbar bħall-Italja (430 ġurnata), il-Polonja (345) u l-Ġermanja (316), filwaqt li wettqu l-inqas f'Malta (5), f'Ċipru (7) u fil-Lussemburgu (8). Għalkemm l-awditi li huma wettqu mhumiex maħsuba speċifikament biex jaqdbu l-frodi, dawn irrappurtaw 10 każijiet suspettati (2018: 9) lill-uffiċċju tal-UE ta' kontra l-frodi (OLAF); bejn l-2010 u l-2018, l-OLAF irrakkomanda l-irkupru ta' total ta' EUR 313-il miljun fuq il-bażi tal-awditi mwettqa mill-QEA.

Il-QEA hija l-awditur indipendenti estern tal-UE u l-istituzzjoni hija bbażata fil-Lussemburgu; ilha topera mill-1977. Hija timpjega madwar 900 persuna, inkluż Membru wieħed minn kull pajjiż tal-UE, kif ukoll esperti nazzjonali. Żewġ terzi tal-forza tax-xogħol tagħha huma awdituri min-nazzjonalitajiet kollha tal-UE, u madwar nofs il-membri tal-persunal huma nisa. Il-baġit tal-QEA għall-2019 kien taħt EUR 147 miljun, li huwa inqas minn 0.1 % tal-infiq totali tal-UE u madwar 1.5 % tal-infiq amministrattiv tagħha. Il-kontijiet tagħha ġew approvati minn awditur indipendenti estern u mill-awtorità baġitarja tal-UE.

Ir-Rapport tal-Attività 2019 tal-QEA huwa disponibbli fuq eca.europa.eu bi 23 lingwa tal-UE.

Kuntatt għall-istampa għal dan ir-rapport:

Damijan Fišer – E: damijan.fiser@eca.europa.eu T: (+352) 4398 45410 M: (+352) 621 55 22 24

Miżuri li ttieħdu mill-QEA b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) ħadet il-passi meħtieġa biex tkun tista' tkompli tipprovdi servizz tal-awditjar pubbliku fl-UE li jkun effettiv, u biex twassal rapporti, opinjonijiet u rapporti analitiċi tal-awditjar f'waqthom matul il-pandemija tal-COVID-19, sa fejn dan ikun possibbli f'dawn iż-żminijiet diffiċli. Fl-istess ħin, qed nesprimu l-gratitudni tagħna lil dawk kollha li qed jaħdmu biex isalvaw il-ħajjiet u tiġi miġġielda l-pandemija, kemm fil-Lussemburgu kif ukoll fl-UE u madwar id-dinja. Nibqgħu wkoll impenjati li nappoġġaw il-politika tal-Gvern Lussemburgiż dwar is-salvagwardja tas-saħħa pubblika. Aħna qed nimmitigaw l-effetti li l-kriżi tas-saħħa li għaddejja bħalissa qed ikollha fuq il-persunal tagħna u ħadna prekawżjonijiet biex jitnaqqas kemm jista' jkun ir-riskju għalihom u għall-familji tagħhom.